**27 ta' Awissu, 1997**

**Imħallef:-**

**Onor. Gino Camilleri LL.D.**

Awtorità tax-Xandir

*versus*

*Public Broadcasting Services Limited*

**Smigħ ta' Kawża b'Urġenza**

*Mhux bizzejjed li l-partijiet jaqblu li l-kawża tinstema' b'urġenza. L-urġenza hi eċċezzjoni li tingħata biss f'każijiet eċċezzjonali. Il-kwalità tal-partijiet ma tista' qatt tinġieb bħala kriterju biex tiġi ddeterminata l-urġenza.*

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors ta' l-Awtorità tax-Xandir fejn ippremettiet:

Illi kontestwalment ma' dan ir-rikors l-Awtorità ppreżentat ċitazzjoni kontra l-*Public Broadcasting Services Ltd.* għad-dikjarazzjoni li din naqset li tobdi l-ordnijiet ta' l-istess Awtorità u għall-ħlas ta' penali ċivili u danni imposti mill-Awtorità kontra l-istess soċjetà;

*Illi* l-aġir tas-soċjetà konvenuta qiegħed *jippreġudika* l-abilità ta' l-Awtorità biex taqdi l-funzjonijiet tagħha taħt il-Kostituzzjoni li tara li jkun hemm imparzjalità fix-xandir u li timponi dawk il-miżuri li jidhrilha meħtieġa biex jiġu esegwiti d-direttivi tagħha;

Illi l-Awtorità għalhekk kellha tagħmel il-kontestwali istanza biex tirriafferma l-posizzjoni tagħha u l-awtorita li hija teżerċita fuq is-soċjetà konvenuta għal dak li jirrigwarda l-qasam tax-xandir u l-funzjoni kostituzzjonali ta' l-Awtorità;

Illi tali materja hija għalhekk minnha nnifisha ta' natura urġenti;

Għalhekk l-istess Awtorità rikorrenti talbet li jiġi ordnat li l-kontestwali ċitazzjoni tinstema' bl-urġenza u bl-abbrevjazzjoni *skond il-liġi;*

Rat id-digriet tagħha preċedenti;

Rat l-atti l-oħra kollha tar-rikors;

Semgħet lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw it-talba kif ikkontenuta f'dan ir-rikors;

Ikkunsidrat:

L-Awtorità tax-Xandir qed titlob li kawża minnha ppreżentata kontestwalment ma' dan ir-rikors kontra l-*Public Broadcasting Services Ltd.* tinstema' u tiġi deċiża bl-urġenza. F'dik il-kawża l-Awtorità rikorrenti qed titlob li jiġi ddikjarat li l-imsemmija soċjetà konvenuta naqset li tobdi l-ordnijiet tagħha u qed titlob ukoll li l-istess soċjetà konvenuta tiġi kkundannata għall-ħlas ta' penali ċivili u ta' danni imposti mill-Awtorità kontra l-istess soċjetà;

L-abbli difensur tas-soċjetà intimata filwaqt li oppona t-talba għall-urġenza, ddikjara li s-soċjetà intimata ma ssibx diffikulta jekk il-kawża tiġi ttrattata bl-urġenza. F'dan ir-rigward għandu jiġi rrilevat għal kull buon fini illi mhux biżżejjed li l-partijiet jaqblu dwar l-urġenza. Hi l-Qorti li għandha tiddeċidi jekk jeżistux l-estremi rikjesti sabiex kawża tinstema' bl-urġenza. L-urġenza hi eċċezzjoni u għalhekk tingħata biss f'każijiet eċċezzjonali;

In effett huma ċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ li jiddeterminaw jekk l-istess każ għandux jinstema' bl-urġenza jew le. Di fatti ġie ritenut illi "indubbjament kull Qorti għandha d-dritt li tiddefinixxi meta jokkorru ċ-ċirkostanzi li jiġġustifikaw is-smigħ ta' kawża bl-urġenza" (Qorti Ċivili Prim'Awla - Sede Kostituzzjonali - **Mario Azzopardi *vs* Reġistratur tal-Qorti *et*** - 6 ta' Diċembru, 1994);

Għandu jiġi mill-ewwel rilevat illi mhux kull u kwalunkwe raġuni hi biżżejjed sabiex jiġi akkordat li kawża minflok ma tinstema' fil-kors normali tagħha tinstema' bl-urġenza. L-urġenza tiddependi min-natura stess tat-talbiet kif ikkontenuti fiċ-ċitazzjoni in kwistjoni, kif u ukoll miċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ;

F'dan ir-rigward ġie ritenut illi: "*The Court must be satisfied to grant the request (for urgency) that the case is such as requires to be immediately or promptly heard owing to its nature*" (**Bartoli *vs* Semini** - Vol. 32, pt. II, p. 91). U ukoll - "Fuq kollox però hija n-natura jew xorta ta' dak involut fit-talba li hu l-iżjed importanti fl-evalwazzjoni ta' l-istess urġenza" (Appell - **S. Falzon Santucci *vs* Kummissarju tat-Taxxi Interni**, 9.XII.1971);

Ġie ukoll ritenut illi in ġenerali l-urġenza għandha teżisti oġġettivament appuntu minħabba ċ-ċirkostanzi tal-każ u "mhux tkun f'xi miżura pprovokata jew aċċentwata bla bżonn mill-parti stess" (**Falzon Santucci *vs* Kummissarju tat-Taxxi *Interni*** fuq ċitata). Intqal ukoll illi kawża għandha titqies bħala urġenti jekk jirriżulta illi l-preġudizzju li waħda mill-partijiet tista' ssofri jekk il-kawża ma tinstemax bl-urġenza jkun preġudizzju irreparabbli (*vide* kawża fuq ċitata **Bartoli *vs* Semini**). B'referenza għal din l-aħħar deċiżjoni, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawża **Tabib John Baptist Pace *vs* Joe Vella** (23 ta' Awissu, 1977) irriteniet illi l-imsemmi kriterju ta' l-irreparabilità tal-preġudizzju m'għandux ikun intiż f'sens assolut imma f'sena relattiv";

Għalhekk skond il-ġurisprudenza tagħna l-urġenza hija riferibbli oġġettivament għan-natura stess tal-kawża u għall-fatt illi jista' jkun ta' preġudizzju sostanzjali jew irreparabbli għal xi waħda mill-partijiet jekk il-kawża ma tinstemax bl-urġenza;

Ġie sottomess mill-abbli difensur ta' l-Awtorità rikorrenti, fit-trattazzjoni orali tiegħu, illi l-kawża in kwistjoni timmerita li tiġi ttrattata bl-urġenza in vista tal-funzjonijiet istituzzjonali tal-partijiet. Inoltre l-kwistjoni meritu tal-kawża hi sensittiva ħafna u l-eżitu jista' jkollu effett fuq ix-xandir in ġenerali fil-pajjiż, peress illi l-abilità ta' l-Awtorità rikorrenti li taqdi l-funzjonijiet

kostituzzjonali tagħha qed jiġu ppreġudikati bl-aġir tas-soċjetà intimata;

Il-partijiet fil-kawża, huma min huma, u li jista' ukoll ikollhom funzjonijiet istituzzjonali ma jistgħu qatt jiddeterminaw jekk kawża għandhiex tiġi ttrattata u deċiża bl-urġenza jew le. F'dan ir-rigward għalhekk il-partijiet fil-kawża ma jistgħu qatt jitqiesu bħala kriterju biex tiġi determinata l-urġenza;

Ma jirriżulta xejn urġenti għal dak li jirrigwarda l-meritu tal-kawża. Di fatti l-kawża tirrigwarda dikjarazzjoni dwar aġir u operat passat tas-soċjetà konvenuta u l-konsegwenzjali kundanna għall-ħlas ta' penali u danni. Il-fatt li l-kawża in kwistjoni tinvolvi partijiet li għandhom funzjonijiet pubbliċi ta' ċertu importanza u li l-kwistjoni tista' tkun sensittiva u ta' interess ġenerali ma jrendix il-kawża urġenti. Lanqas ma jirriżulta suffiċjentement illi l-Awtorità rikorrenti ser tbati xi preġudizzju kbir jew irreparabbli jekk iċ-ċitazzjoni in kwistjoni ma tiġix deċiża bl-urġenza;

In vista ta' dan kollu ma jirriżultawx fatti u ċirkostanzi eċċezzjonali li jistgħu in effett irendu l-kawża ta' natura urġenti u għalhekk it-talba għall-urġenza m'għandhiex tiġi akkolta;

Għal dawn il-motivi:

Tiddeċidi billi tiċħad it-talba kif ikkontenuta fir-rikors;

Spejjeż kontra l-Awtorità rikorrenti.

---